termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €982,231.09 rappreżentanti l-ammont minnek dovut pro et noe bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont dak l-att sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek pro et noe permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Rikorrenti: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana

Intimati: Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 25 ta' Marzu, 2025

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 25 ta' Lulju, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali.

of 1998 so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €982.231.09 representing amount due by you pro et noe as value added tax according to the same Act .

With costs and interest according to that Act till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants informs you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Commissioner for Tax and Customs, Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana

Notification: Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD, Doctor of Laws.

Today 25th March, 2025

Registry of the Superior Courts, today 25th July, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1972

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fit-28 ta' April, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 1163/15 fl-ismijiet Theresa Debono (KI 1015546M), Joseph Debono,

By means of a decree given by the Court of Appeal, Superior jurisdiction, on the 28th April, 2025, in the records of Application number 1163/15 in the names Theresa Debono

(KI 381774M), Carmelo sire Carl Debono (KI 582676M), u Mark Anthony Dehono (KI 124390M) vs Ignatius Debono (KI 300540M) u martu Carmela Debono (KI 848544M), Joseph Debono (KI 8643M) u martu Carmela Debono (KI 559445M), Moses Debono (KI 404546M) u martu Giovanna Debono (KI 579544M), Theodora Micallef (KI 788348M) u żewġha Philip Micallef (KI 610744M), Speranza Gatt (KI 678531M) f'isimha u għan-nom ta' binha l-interdett Philip Gatt (KI 534663M), Joseph Gatt (KI 219258M), Carmel Gatt (KI 543859M), Miriam Gatt (KI 41061M), Paul Gatt (KI 505064M), Alexandra Caruana (KI 377866M), William Gatt (KI 370968M), Francis Portelli (KI 426029M), Philip Portelli (KI 41760M), Josette Musu' (KI 64661M), u Noel Portelli (KI 96865M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-Avukati Carmel sive Carl Debono, Mark Anthony Debono a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appellanti ppreżentat fl-1 ta' Lulju, 2024, Joseph Gatt (KI 219258M), Carmel Gatt (KI 543859M), Miriam Gatt (KI 41061M), Paul Gatt (KI 505064M), Alexandra Caruana (KI 377866M), u William Gatt (KI 370968M) f'isimhom proprju u għan-nom ħuhom illum il-mejjet Philip Gatt (KI 534663M) umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tirrevoka contrario imperio d-deċiżjoni tagħha mogħtija permezz:

a) tad-Digriet mogħti nhar il-11 ta' April tal-2024, fejn l-istess Appell kien ġie ddikjarat bħala dežert; kif ukoll

b) id-digriet ta' din l-istess Onorabbli Qorti hekk datat is-6 ta' Ġunju tat-2024. Konsegwentement u dan kollu abbażi wkoll tal-fatt li anke l-istess Prim'Awla tal-Qorti kif ukoll dina l-istess Onorabbli Qorti huma marbuta bil-prinċipji bażiljarji tal-bonus pater familias kif ukoll tad-duty of care, kif ukoll tal-prinċipju bażiljarju quod nullum est nullum producit effectum.

Għaldaqstant, l-appellanti jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti:

a) tordna li ladarba l-istess Prim'Awla tal-Qorti naqset b'mod fundamentali u b'mod kardinali milli tiddikjara fl-istess sentenza tagħha li l-istess Appellati Ignatius Debono (KI 300540M) u martu Carmela Debono (KI 848544M), illum il-mejjet Joseph Debono (KI 8643M) u martu Carmela Debono (KI 559445M), Theodora Micallef (KI 788348M) u żewġha Philip Micallef (KI 610744M), illum il-mejjet Francis Portelli (KI 426029M), kif ukoll Josette Musù (KI 64661M), u Noel Portelli (KI 96865M) lanqas biss kellhom l-interess ġuridiku f'din l-istess kawża, u dan peress li xhur qabel ma ngħatat l-istess sentenza mill-istess Prim'Awla tal-Qorti, l-istess appellati Ignatius Debono (KI 300540M) et sequitur kienu biegħu sehemhom lis-soċjetà JMV Properties Limited, tordna billi tawtorizza lill-istess esponenti

(ID 1015546M), Joseph Debono, (ID 381774M), Carmelo sive Carl Debono (ID 582676M), and Mark Anthony Dehono (ID 124390M) vs Ignatius Dehono (ID 300540M) and his wife Carmela Debono (ID 848544M), Joseph Debono (ID 8643M) and his wife Carmela Debono (ID 559445M), Moses Debono (ID 404546M) and his wife Giovanna Debono (ID 579544M), Theodora Micallef (ID 788348M) and her husband Philip Micallef (ID 610744M), Speranza Gatt (ID 678531M) in her own name and on behalf of her son the interdicted Philip Gatt (ID 534663M), Joseph Gatt (ID 219258M), Carmel Gatt (ID 543859M), Miriam Gatt (ID 41061M), Paul Gatt (ID 505064M), Alexandra Caruana (ID 377866M), William Gatt (ID 370968M), Francis Portelli (ID 426029M), Philip Portelli (ID 41760M), Josette Musu '(ID 64661M), and Noel Portelli (ID 96865M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the advocates Carmel sive Carl Debono, Mark Anthony Debono and Carmel Gatt in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of the application filed on the 1st July, 2024, by the appellants Joseph Gatt (ID 219258M), Carmel Gatt (ID 543859M), Miriam Gatt (ID 41061M), Paul Gatt (ID 505064M), Alexandra Caruana (ID 377866M), and William Gatt (ID 370968M) in their own name and on behalf of their brother the late Philip Gatt (ID 534663 M respectfully request that this Honourable Court revokes contrario imperio its decision rendered by:

a) the Decree of the 11th April 2024, in which the same appeal was declared as deserted; as well as

b) the decree of this same Honourable Court dated 6th June 2024. Consequently and also on the basis of the fact that even the same First Hall Civil Court as well as this same Honourable Court are bound by the basic principles of bonus pater familias as well as duty of care, as well as the basic principle quod nullum est nullum producit effectum.

Therefore, the applicants respectfully request this Honourable Court to:

a) order that once the same First Hall Civil Court failed fundamentally and essentially to declare in the same judgment that the same respondents Ignatius Debono (ID 300540M) and his wife Carmela Debono (ID 848544M), today the deceased Joseph Debono (ID 8643M) and his wife Carmela Debono (KL 559445M), Theodora Micallef (ID 788348M) and her husband Philip Micallef (ID 610744M), today the deceased Francis Portelli (ID 426029M), as well as Josette Musù (ID 64661M), and Noel Portelli (ID 96865M) did not even have a juridical interest in this same cause owing to the fact that months before the same judgment was given by the same First Hall Civil Court, the same respondents Ignatius Debono (ID 300540M) et sequitur had sold their shares to the company JMV Properties Limited, orders by authorizing

appellanti jikkunsidraw l-istess pożizzjoni tagħhom peress li l-istess binarji tal-istess kawża odjerna kienu ġew mibdula ferm qabel ingħatat l-istess sentenza mill-istess Prim'Awla tal-Qorti, u għaldaqstant kienu ġew imqarrqa u żgwidati b'mod sfaċċat mill-istess sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti;

b) tordna lill-istess Reġistratur ta' dawn l-istess Qrati jirrevedi l-istess Taxxa abbażi ta' Punt ta' Liġi u mhux abbazi ta' ad valorem;

c) tordna l-ħruġ tal-kontromandati relattivi, b'riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istess esponenti appellanti, bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż hekk reklamati u li huma minn issa riżervati u bl-ispejjeż anki tal-preżenti.

Notifika: L-Avukat Carmelo sive Carl Debono, Debonair, Triq is-Sindku P. Vella, Ħaż-Żebbuġ

L-Avukat Mark Anthony Debono, 129, Triq il-Kbira Ħaż-Żebbuġ

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 15 ta' Lulju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the same applicant appellants to consider their position because the same lines of the same unknown cause had been changed well before the same judgement was given by the same First Hall Civil Court, and thus they had been deceived and misled in a factual manner by the same judgment of the First Hall Civil Court;

b) order the same Registrar of these same Courts to revise the same taxed bill of costs on the basis of a point of Law and not on the basis of ad valorem;

c) order the issuing of the relative counter-warrants, saving any other action due to the same interpellant appellants, with Iegal interests, and with costs thus claimed and which are from now reserved and with costs even of the present acts.

Notification: Advocate Carmelo sive Carl Debono, Debonair, Triq is-Sindku P. Vella, Ħaż-Żebbuġ

Advocate Mark Anthony Debono, 129, Triq il-Kbira Ħaż-Żebbuġ

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day 15th July, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1973

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, fit-23 ta' April, 2025, fuq talba ta' David Grech ġie ordnat biex jintgħażel kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-eredi mhux magħrufa Joseph Scicluna fl-atti tar-Rikors tal-Appell numru 892/2017 AF fl-ismijiet David Grech (KI 305587M) vs Joseph Scicluna (lncome Tax numru 887186129), Emanuel Scicluna (KI150945A), Plaistow Limited (C45794).

Permezz ta' Rikors tal-Appell numru 892/2017 imsemmi ppreżentat fis-6 ta' Marzu, 2025, fl-ismijiet premessi David Grech talab li onorabbli Qorti tal-Appell tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet David Grech vs Joseph Scicluna, Emanuel Scicluna u Plaistow Limited deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti fit-12 ta' Frar, 2025, billi tilqa' l-ewwel talba tal-appellant David Grech u tibgħat lura l-atti quddiem il-Prim Awla tal-Qorti sabiex tiddeċiedi t-talbiet kollha l-oħra tal-appellant David Grech li għadhom mhux deċiżi għaliex l-istess Prim Awla tal-Qorti Ċivili kienet astjeniet

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, on the 23rd April, 2025, following a request by David Grech it was ordered that a deputy curator be chosen to represent the unknown heirs Joseph Scicluna in the records of Appeal Application number 892/2017 AF in the names David Grech (ID 305587M) vs Joseph Scicluna (lncome Tax number 887186129), Emanuel Scicluna (ID150945 (A)), Plaistow Limited (C45794).

By means of an Appeal Application number 892/2017 mentioned filed on the 6th March, 2025, in the names premised David Grech asked that Honourable Court of Appeal to cancel and revoke the appealed judgment in the names David Grech vs Joseph Scicluna, Emanuel Scicluna and Plaistow Limited decided by the First Hall Civil Court on the 12th February, 2025, by upholding the first claim by the appellant David Grech and sending back the records to the First Hall Civil Court in order for it to decide all the other claims by the appellant David Grech which have not

milli tiddeċiedi dwarhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.

Rikorrenti: David Grech: 37, Publius House, Triq San Lawrenz, Birkirkara

Notifika Emanuel Scicluna, 30 Triq San Ġwann tal-Għargħar, San Ġwann
Kuraturi deputati, Il-Qorti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Prim Imħallef Mark Chetcuti, LLD, Duttur tal-Ligi.

Illum 23 ta' April, 2025

Reġistru tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri), illum 16 ta' Lulju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

yet been decided because the same First Hall Civil Court had abstained from deciding them, with costs of both instances against the respondents.

Applicant: David Grech: 37, Publius House, Triq San Lawrenz, Birkirkara

Notification: Emanuel Scicluna, 30 Triq San Ġwann tal-Flood, San Ġwann
Deputy curators, The Court, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of ex officio curators.

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Chief Justice Mark Chetcuti, LLD, Doctor of Laws.

This day, 23rd April, 2025

Registry of the Court of Appeal (Superior Jurisdiction), this day, 16th July, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1974

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Superjuri, fis-16 ta' Ġunju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 454/2021 fl-ismijiet Francis u Licia konjuġi Formosa vs Zenith Finance Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Francis u Licia konjuġi Formosa a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 454/2021 ppreżentat fit-23 ta' Mejju, 2025, is-soċjetà Zenith Finance Limited ħassitha aggravata bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fil-25 ta' April, 2025, bl-aggravji li l-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni żbaljata tal-Liġi, jiġifieri tal-Artikolu 2156(f) u l-Artikolu 2160 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan minkejja l-provi mressqa quddiemha. Inoltre l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-fatti meta ddikjarat li l-materja ma kinitx waħda promote and sell iżda advisory.

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Superior jurisdiction, on the 16th June, 2025, in the records of Application number 454/2021 in the names Francis and Licia spouses Formosa vs Zenith Finance Limited, the following publication was ordered for the purpose of service of Francis and Licia spouses Formosa in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of Appeal Application number 454/2021 filed on the 23rd May, 2025, the company Zenith Finance Limited felt aggrieved by the judgment of the First Hall Civil Court decided on the 25th April, 2025, on the grounds that the First Court gave a wrong interpretation of the Law, namely Article 2156 (f) and Article 2160 of Cap. 16 of the Laws of Malta and this despite the evidence brought before it. Furthermore the Court of First Instance made a wrong appreciation of the facts when it declared that the matter was not Promote

L-Ewwel Qorti żbaljat ukoll meta tat interpretazzjoni żbaljata ta' kif isir l-appropriateness test u x'kienu d-doveri tas-soċjetà appellanti waqt it-twettiq ta' dan it-test.

Għaldaqstant, is-soċjetà appellanti titlob lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha, mogħtija nhar il-25 ta' April, 2025, fl-ismijiet fuq premessi u konsegwentement tilqa' l-aggravji kollha kif imfissra f'dan l-umli appell, bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.

Notifika: Francis u Licia konjuġi Formosa, 57, Everbliss, Triq Cassarino, San Pawl il-Baħar

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 16 ta' Lulju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and Sell but Advisory. The Court of First Instance also misinterpreted the appropriateness test and the duties of the appellant company during the carrying out of this test.

Therefore, the appellant company asks this Honourable Court of Appeal to cancel and revoke the appealed judgment in its entirety, dated 25th April, 2025, in the names above premised and consequently uphold all the grounds of appeal as explained in this appeal, with all costs against the applicants.

Notification: Francis and Licia spouses Formosa, 57, Everbliss, Triq Cassarino, St Paul's Bay

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 16th July, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1975

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fl-10 ta' Ġunju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 14/2025 fl-ismijiet Lucianne Spiteri (fiż-żwieġ Calleja) (KI 67285M) vs Joseph Calleja (KI 80683M), ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-imsemmija Joseph Calleja, a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-partijiet huma ċittadini Maltin domiċiljati Malta. Huma żżewġu fid-19 ta' Settembru, 2009, liema żwieġ ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku permezz ta' iskrizzjoni li ġġib ir-referenza 877/2009. Iż-żwieġ bejn il-kontendenti ġie ddikjarat null fl-udjenza tat-28 ta' Frar, 2023, mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta Prot No 22/018. Illi permezz ta' digriet ta' eżekuttività datat id-29 ta' Marzu, 2023, ġiet dikjarata, ikkonfermata u ċċertifikata l-eżekuttività ta' din id-deċiżjoni. Illi ma hemm l-ebda sentenza kuntrarja minn ebda Qorti ta' Malta.

Għaldaqstant, l-esponenti titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna r-reġistrazzjoni tan-nullità taż-żwieġ tagħha mal-intimat kif fuq premessa mogħtija kif imsemmi u dan ai termini tal-Att taż-Żwieg (Kap. 255) tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentment tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jirreġistra kif imiss id-deċiżjoni definittiva ai termini tal-istess Att.

Notifika: Joseph Callleja, Frankmar, 126 Triq George Borg Olivier, Ir-Rabat (Malta)

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli) illum, 16 ta' Lulju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal (Superior Jurisdiction) on the 10th June, 2025, in the records of Application number 14/2025 in the names Lucianne Spiteri (married Calleja) (ID 67285M) vs Joseph Calleja (ID 180683M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the said Joseph Calleja, in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas the parties are Maltese citizens domiciled in Malta. They were married on the 19th September, 2009, and this marriage was registered in the Public Registry by means of an enrolment bearing reference number 877/2009. The marriage between the parties was declared null in the sitting of the 28th February, 2023, by the Metropolitan Tribunal of Malta Prot No 22/018. Whereas by means of a decree of executability dated 29th March, 2023, the executability of this decision was declared, confirmed and certified. There is no contrary judgment by any Court of Malta.

Therefore, the applicant humbly prays that this Honourable Court orders the registration of the nullity of her marriage with the respondent as above premised given as mentioned and this in terms of the Marriage Act (Cap 255) of the Laws of Malta and consequently orders the Director Public Registry to duly register the definitive decision in terms of the same Act.

Notification: Joseph Callleja, Frankmar, 126, Triq George Borg Olivier, Rabat (Malta)

Registry of the Superior Courts (Appeals), this day, 16th July, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1976

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, fit-30 ta' Mejju, 2025, fl-atti tar-Rikors numru 178/2020 fl-ismijiet Joseph Cutajar vs Joseph Magro, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Joseph Magro a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 178/2020 ippreżentat fil-5 ta' Awwissu, 2024, l-appellant Joseph Cutajar ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera ddatata 10 ta' Lulju, 2024, fejn dan il-Bord iddeċieda li jiċħad it-talbiet tal-appellant fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess appellant. L-appellant ħassu aggravat b'din id-deċiżjoni u għalkemm huwa prinċipju stabbilit li l-qorti tal-appell ma tiddisturbax il-provi tal-ewwel istanza din il-qorti għandha tagħmel eċċezzjoni meta l-fatti u l-provi jkunu ġew evalwati b'mod li jwassal għal inġustizzja manifesta kif ġara f'din il-kawża. U dan billi l-Bord ta interpretazzjoni żbaljata tal-liġi, senjatament bl-amalgamazzjoni tal-Artikoli 1555 u 1555A tal-Kap. 16 u l-Bord ma vvalutax sew il-fatti li kienu jwassluh għal applikazjoni distinta tal-Artikolu 1555. Dan minbarra li ħoloq konfużjoni mal-artikolu 9 tal-Kap. 69. Il-Bord naqas ukoll fl-apprezzament ġust tal-provi anke fir-rigward tal-manutenzjoni tal-fond u injora evidenza miġjuba fosthom ritratti.

Għaldaqstant, l-appellant jitlob li din l-Onorabli Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tal-Bord msemmija mogħtija fl-10 ta' Lulju, 2024, tilqa' dan l-appell bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.

Ir-Rikors numru 178/2020 fl-ismijiet Joseph Cutajar vs Joseph Magro jinsab iddifferit għall-24 ta' Settembru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika: Joseph Magro, 11, Triq Lourdes, Il-Qrendi

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Inferjuri), illum 17 ta' Lulju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree delivered by the Court of Appeal, Inferior Jurisdiction, on the 30th May, 2025, in the records of Application Number 178/2020 in the names Joseph Cutajar vs Joseph Magro, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Joseph Magro in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Appeal Application No. 178/2020 filed on the 5th August, 2024, the appellant Joseph Cutajar felt aggrieved by the decision of the Rent Regulation Board dated 10th July, 2024, wherein this Board decided to dismiss the appellant's claims in their entirety with costs against the same appellant. The appellant felt aggrieved by that decision and although it is an established principle that the appeal court does not interfere with the evidence at first instance, this court should make an exception where the facts and evidence have been evaluated in a manner that leads to manifest injustice, as has occurred in the present case. And this because the Board gave a wrong interpretation of the law, especially by merging Articles 1555 and 1555A of Cap 16 and the Board did not properly assess the facts which would have led it to a distinct application of Article 1555. This besides creating confusion with Article 9 of Cap 69. The Board also failed in the fair appreciation of the evidence also as regards the maintenance of the premises and it ignored evidence brought forward including photographs.

Therefore, the appellant requests that this Honourable Court cancels and revokes the decision of the said Board delivered on the 10th July, 2024, uphold this appeal and with the costs of both instances against the appellant.

Application number 178/2020 in the names Joseph Cutajar vs Joseph Magro has been deferred for hearing to the 24th September, 2025, at 9.00 a.m.

Notification: Joseph Magro, 11, Triq Lourdes, Qrendi

Registry of the Courts of Appeal (Inferior Jurisdiction), this day 17th July, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1977

B'digriet mogħti mill-Qorti Kostituzzjonali, fit-23 ta' Ġunju, 2025, fl-atti tar-Rikors Kostituzjonali numru 33/2020 fl-ismijiet E & G Developments Limited (C79664) vs l-Avukat tal-Istat u Mary Borg (540429M), ġiet ordnata

By means of a decree delivered by the Constitutional Court, on the 23rd June, 2025, in the records of Constitutional Application number 33/2020 in the names E & G Developments Limited (C79664) vs the State Advocate

s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mary Borg a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 33/2020/1 ippreżentat fil-31 ta' Mejju, 2023, l-Avukat tal-Istat ħassu aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti mogħtija fit-30 ta' Mejju, 2023, iżda limitatament fir-rigward tal-ammont likwidat bħala kumpens pekunjarju u nonpekunjarju u fir-rigward tal-Kap. tal-ispejjeż bl-aggravji li:

a) l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta akkordat danni pekunarji għall-perjodu minn Marzu 2020 sa April 2021;

b) L-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta akkordat danni nonpekunarji lis-soċjetà appellata;

c) L-Ewwel Qorti kellha taqsam l-ispejjeż tal-kawża bejn l-Avukat tal-Istat u s-soċjetà appellata u dan kollu wkoll skont l-insejnament assodat tal-ġurisprudenza ta' din il-Qorti kif spjegat fir-rikors tal-appell.

Għaldaqstant, l-appellant Avukat tal-Istat jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka parzjalment is-sentenza appellata u dan għal dak illi jirrigwarda d-decide tal-Ewwel Qorti fejn kkunsidrat il-kumpens xieraq fis-somma ta' €17, 523.06 bl-ispejjeż u dan tvarjah għal kumpens pekunjarju ta' €16,523.06 u ammont ta' mhux iżjed minn €9,205.74 bħala danni nonpekunjarji; tħassar l-ammont ta' elf ewro bħala danni nonpekunjarji u ma tagħti l-ebda danni nonpekumjarji; tvarja s-sentenza appellata msemmija fis-sens li parti sostanzjali tal-ispejjeż tiġi ssopportata mis-soċjetà appellata inklużi l-ispejjeż peritali li saru inutilment u tikkonfermaha fil-bqija tad-decide u l-ispejjeż ta' din l-istanza jiġu ssopportati mis-soċjetà appellata.

Ir-Rikors tal-Appell (Kostituzzjonali) fl-ismijiet ismijiet E & G Developments Limited (C79664) vs l-Avukat tal-Istat u Mary Borg (540429M) jinsab iddifferit għas-27 ta' Ottubru, 2025, fit-8.30 a.m

Notifika: Mary Borg, 3, Flat 8, Villa St Ignatius, Triq Scicluna, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati tal-Appell (Superjuri), illum 18 ta' Lulju, 2025

DOTT. FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

and Mary Borg (540429M), the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Mary Borg in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Whereas in Appeal Application number 33/2020/1 filed on the 31st May, 2023, the State Attorney felt aggrieved by the judgment of the Court of First Instance delivered on the 30th May, 2023, but limitedly with regard to the amount liquidated as pecuniary and non-pecuniary compensation and as regards the costs on the grounds that:

a) the Court of First Instance erred when it granted pecuniary damages for the period March 2020 to April 2021;

b) the Court of First Instance also erred when it granted non-pecuniary damages to the respondent company;

c) the Court of First Instance ought to have divided the costs of the cause between the State Advocate and the respondent company and all this according to the established jurisprudence of this Court as detailed in this appeal application.

Therefore, the appellant State Advocate respectfully requests that this Honourable Court cancels and partially revokes the appealed judgment and this as regards the decision of the Court of First Instance wherein it considered the appropriate compensation in the sum of €17, 523.06 with costs and thus varies it to a financial compensation of €16,523.06 and an amount of not more than €9,205.74 as non-pecuniary damages; cancel the amount of one thousand euro as non-pecuniary damages and grant no non-pecuniary damages; vary the appealed judgment mentioned in the sense that a substantial part of the costs shall be borne by the respondent company including the referees' costs which were uselessly defrayed and confirm it as to the rest of the decide and the costs of this instance shall be borne by the respondent company.

Appeal Application (Constitutional) in the names E & G Developments Limited (C79664) vs the State Advocate and Mary Borg (540429M) has been deferred for hearing to the 27th October, 2025, at 8.30 a.m.

Notification: Mary Borg, 3, Flat 8, Villa St Ignatius, Triq Scicluna, St Julian's

Registry of the Courts of Appeal (Superior jurisdiction), this day 18th July, 2025

DR FRANCO BONDIN, LLD, M. JUR.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1978

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-25 ta' Lulju 2025, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, ordnat ix-xandir tal-bandu hawn taħt riprodott għall-finijiet tal-artikolu 533(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Billi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-25 ta' Lulju, 2025, fuq rikors numru 56/2025 (BS) ta' Simon Grech, ġie ffissat il-jum tal-Ġimgħa, 8 ta' Awwissu, 2025, fid-9.00 a.m., fl-Awla 'C' ta' din il-Qorti għall-pubblikazzjoni tat-testment sigriet tan-Nutar Emmanuel George Cefai, ġuvni, iben il-mejtin Prokuratr Legali Giuseppi Cefai u Amalia Cefai née Abela, imwieled ir-Rabat, Għawdex, li miet l-Imsida, Malta, fit-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) u liema pubblikazzjoni għandha ssir ad opera tan-Nutar Dott. James Grech.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 28 ta' Lulju, 2025

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur Qorti u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by a decree dated the 25th of July, 2025, the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, ordered the publication of the banns reproduced hereunder for the purposes of section 533(1) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Whereas by virtue of a decree delivered on the 25th of July, 2025, in the records of application number 56/2025(BS) by Simon Grech, Friday, 8th of August, 2025, at 9.00 a.m. in Hall 'C' of this Court, has been scheduled for the publication of the secret will of Notary Emmanuel George Cefai, single, son of the late Legal Procurator Giuseppi Cefai and Amalia Cefai née Abela, born in Victoria, Gozo, and died in Msida, Malta, on the second (2nd) of March of the year two thousand and twenty-five (2025). This said publication is to be made by Notary Dr James Grech.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction

This 28th of July, 2025

DANIEL SACCO
f/Registrar of Courts and Tribunals (Gozo)

1979

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Frar, 2025, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 38/2025DC, fl-ismijiet: Em@ney plc vs Germano Arno' et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Em@ney plc (C55558) vs Germano Arno' (KI Taljana bin-numru AX4971412) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Jannar, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Prevja okkorrendo dikjarazzjoni li, għar-raġunijiet premessi, il-konvenuti huma vinkolati b'obbligi fiduċjarji fil-konfront tas-soċjetà esponenti, tiddikjara u tiddeċiedi li, għar-raġunijiet premessi, il-konvenuti aġixxew b'mod frawdolenti u bi ksur tal-obbligi fiduċjarji tagħhom lejn is-soċjetà esponenti u b'hekk ikkaġunaw danni lis-soċjetà esponenti;

2. Tillikwida d-danni subiti mis-soċjetà esponenti kif premess fl-ammont ta' €1,120,000 rappreżentanti l-flejjes sotratti mingħandha;

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd February, 2025, in the records of the Sworn application number 38/2025DC, in the names Em@ney plc vs Germano Arno 'et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Em@ney plc (C55558) vs Germano Arno'(Italian ID number AX4971412) et filed in the Civil Court, First Hall on the 17th January, 2025, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Saving if necessary a declaration that, for the reasons premised, the defendants are bound by fiduciary obligations towards the interpellant company, declare and decide that, for the reasons premised, the defendants acted fraudulently and in violation of their fiduciary obligations towards the interpellant company and thus caused damages to the interpellant company;

2. Liquidate the damages suffered by the applicant company as premised in the amount of €1,120,000 representing the monies suffered by it;

3. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex iħallsu lis-soċjetà esponenti il-preċitati danni fl-ammont ta'€1,120,000;

4. Tiddikjara li, konsegwentement għall-ksur tal-obbligi fiduċjarji daparti tagħhom, il-konvenuti huma obbligati ulterjorment in solidum sabiex iroddu lura lis-soċjetà esponenti kull proprjetà flimkien mal-benefiċċji l-oħra kollha miksuba minnhom, sew direttament kif ukoll indirettament, inkluż ukoll kull proprjetà li fiha l-proprjetà oriġinali ġiet konvertita jew li biha ġiet sostitwita;

5. Tiddetermina u tidentifika kull proprjetà flimkien mal-benefiċċji l-oħra kollha miksuba mill-konvenuti bħala riżultat tal-ksur tal-obbligi fiduċjarji daparti tagħhom kif premess, sew direttament kif ukoll indirettament, inkluż ukoll kull proprjetà li fiha l-proprjetà oriġinali ġiet konvertita jew li biha ġiet sostitwita;

6. Tikkundanna lill-konvenuti in solidum sabiex iroddu lura lis-soċjetà esponenti kull proprjetà flimkien mal-benefiċċji l-oħra kollha miksuba minnhom, sew direttament kif ukoll indirettament, inkluż ukoll kull proprjetà li fiha l-proprjetà oriġinali ġiet konvertita jew li biha ġiet sostitwita hekk kif determinat u identifikat ai termini tat-talba preċedenti, inkluż ukoll billi tordna l-pubblikazzjoni, entro terminu qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiffissa, ta' kwalsijasi att notarili opportun għal tali fini u dan bin-nomina ta' nutar pubbliku u kif ukoll ta' kuraturi għall-eventwali kontumaċi, u bl-għoti ta' dawk l-ordnijiet u ta' dawk id-direttivi li jistgħu jkunu meħtieġa għal tali fini.

Bl-ispejjeż u l-imgħax legali b'seħħ mill-21 ta' Jannar, 2020, sal-effettiv pagament kollha kontra l-intimati li minn issa huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 38/25DC fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-28 ta' Ottubru, 2025, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Germano Arnò (KI Taljana bin-numru AX4971412), c/o Oleg Vladirimovich Mikhailov, Sapphire Court, Flat 5, Triq l-Assemblea Nazzjonali, Il-Mosta

Gasdev Limited (C86484), Office 1 & 2, Portview Mansions, Triq ix-Xatt, Ta' Xbiex

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 28 ta' Lulju, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

3. Condemn the defendants in solidum to pay the applicant company the above mentioned damages in the amount of €1,120,000;

4. Declare that, consequently to the violation of fiduciary obligations on their part, the defendants are further obliged in solidum to return to the applicant company any property together with all the other benefits acquired by them, both directly and indirectly, including also any property in which the original property was converted or with which it was substituted;

5. Determine and identify any property together with all the other benefits acquired by the defendants as a result of the breach of fiduciary obligations on their part as premised, both directly and indirectly, including also any property in which the original property was converted or with which it was substituted;

6. Condemn the defendants in solidum to return to the applicant company any property together with all the other benefits obtained by them, both directly and indirectly, including also any property in which the original property was converted or with which it was substituted as determined and identified in terms of the previous demand, including also by ordering the publication, within a short and peremptory period which this Honourable Court deems fit to fix, of any opportune notarial act for such purpose and this by the appointment of a notary public as well as curators for the eventual defaulters, and by the issuing of such orders and directives as may be required for such purpose.

With costs and legal interest with effect from the 21st January, 2020, till the effective payment against the respondents who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 38/25DC in the names mentioned above is postponed to 28th October, 2025, at 9.00 a.m.

Notification respondent: Germano Arnò (Italian ID number AX4971412), c/o Oleg Vladirimovich Mikhailov, Sapphire Court, Flat 5, Triq L-Assemblea Nazzjonali, Mosta

Gasdev Limited (C86484), Office 1 & 2, Portview Mansions, Triq ix-Xatt, Ta' Xbiex

Registry of the Superior Courts, today 28th July, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603